TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 247/16/F

**Anton u Elizabeth Vella**

**vs**

**Orange Travel Group Ltd.**

Illum 24 t'Ottubru, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-21 ta' Diċembru, 2016 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' tlett elef ewro (€3,000), rappreżentanti vjaġġ fuq vapur li kien hemm ħafna problemi.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu ibbukjaw kabina b'gallarija pero' il-gallarija kienet dejjem timtela bl-ilma u ma setgħux jużawha. Fost l-ilmenti oħra huma sabu li l-għamara kienet użata ħafna, is-sink ma kellux tapp, it-toilet kellu jiġi flaxjat diversi drabi, s-sufani kienu iebsin, il-mejda tal-gallarija kienet imsadda, s-saqqu kien diżastru u l-kamra ma kinitx tkun ippreparata u fir-restaurant kien hemm ħafna sħana.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi huma m'humiex l-operat tal-vapur u fuq il-brochure hemm kundizzjonijiet li jista' jbiddel ir-rotot. Illi offrew is-somma ta' €158 għal kull koppja għall-excursions li tilfu, u offrew ukoll €490 għal kull koppja.

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota li r-rikorrenti kellhom raġun jilmentaw għal diversi nuqqasijiet, fosthom dik tal-kamra u dik tal-excursions.

It-Tribunal, iħoss illi l-ammont ta' €490 għal kull koppja hija baxxa.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' elf ewro (€1,000), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**